



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.8.2004
KUMM(2004) 544 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet

Ġlieda kontra l-frodi

Pjan ta' azzjoni 2004-2005

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet

Ġlieda kontra l-frodi

Pjan ta' azzjoni 2004-2005

Bħall-Pjan ta' Azzjoni 2001-2003¹, il-Pjan ta' Azzjoni 2004-2005 ġdid tal-Kummissjoni dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji u l-ġlieda kontra l-frodi qiegħed iwettaq, bit-komplija ta' l-Approċċ Strateġiku Globali² adottat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2000 li identifika l-orjentazzjonijiet prinċipali li l-Komunità għandha ssegwi matul il-ħames snin li ġejjin (2001 sa 2005).

Il-leġittimità ta' l-Approċċ Strateġiku Globali 2000 inġhatat mill-Artikolu l-ġdid 280(KE), li daħal fis-seħħ permezz tat-Trattat ta' Amsterdam, li stipula, għall-Komunità Ewropea, għanijiet ambizzjużi fil-qasam tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji u l-ġlieda kontra l-frodi. L-Artikolu 280(KE) jistipula wkoll bażi ġuridika ġdida għat-teħid tal-miżuri neċessarji fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi u kontra kull attività illegali oħra għad-detriment ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità. L-ewwel applikazzjoni konkreta ta' din il-bażi ġuridika ġdida kienet l-adozzjoni ta' żewġ Regolamenti tal-Kunsill rigward l-istħarriġ immexxi mill-Uffiċċju Ewropew tal-Ġlieda kontra l-Frodi (OLAF)³, imwaqqaf fl-1999 permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni⁴. Il-ħolqien ta' l-Uffiċċju kien l-ewwel pass importanti fil-ġlieda kontra l-fronti, u l-Approċċ Strateġiku Globali tal-Kummissjoni ibbaża ruħu fuq il-potenzjalità li dan jirrapreżenta. L-Approċċ Strateġiku Globali ikkunsidra wkoll azzjonijiet speċifiċi fil-qasam tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji previsti fil-qafas tal-*White Paper* dwar ir-riforma amministrattiva tal-Kummissjoni⁵ sabiex is-servizzi kollha tal-Kummissjoni jagħmlu li jistgħu biex iħarsu aħjar l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet.

L-Istrateġija Globali tipproponi kultura ta' kooperazzjoni imsaħħa fost l-atturi kollha konċernati u ġġib magħha kemm politika ta' prevenzjoni, ta' segwitu (b'mod partikolari finanzjarju) kif ukoll ta' sanzjoni effikaċi.

Erba' orjentazzjonijiet strateġiċi ġew definiti fil-qafas ta' dan l-Approċċ Globali:

- *politika legiſlattiva globali kontra l-frodi* (tnejn ta' dispożizzjoni regolamentari lejn aktar effikaċità u koerenza)

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2001) 254 finali, 15.5.2001).

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-*Ħarsien ta' l-Interessi Finanzjarji tal-Komunitajiet, Ġlieda kontra l-Frodi, għal Approċċ Strateġiku Globali*, (2000) 358 finali).

³ Adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/99 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u (Euratom) Nru 1074/99 tal-Kunsill tal-25.05.99, ĠU L 136 tal-31.5.99.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28.04.99, ĠU L 136 tal-31.5.99. L-attivitajiet tal-*Bureau* fil-qasam tas-servizz operattiv indipendenti se jkunu definiti fi programm ta' xogħol distint li jneħħi r-responsabilità diretta mid-Direttur Ġenerali tal-*Bureau*.

⁵ Id-Dokument KOM (2000) 200 finali/2 tal-5.4.2000.

- *kultura ta' kooperazzjoni ġdida* (parteċipazzjoni sfiha u sehem konkret ta' l-awtoritajiet nazzjonali u Komunitarji)
- pass interistituzzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni (tisfiħ tal-kredibilità ta' l-istituzzjonijiet Ewropej)
- *it-tisfiħ tad-dimensjoni ġudizzjarja penali* (adattament tal-qafas ġuridiku u ġudizzjarju għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea).

Bħala risposta għal dawn l-erba' orjentazzjonijiet kbar, u mingħajr ma jiġu milquta la l-inizjattivi l-aktar speċifiċi ta' kull Direzzjoni Ġenerali u Servizz tal-Kummissjoni u lanqas il-missjonijiet operattivi mogħtija lill-OLAF mil-leġislatur, l-ewwel Pjan ta' Azzjoni kien adottat mill-Kummissjoni nhar il-15 ta' Mejju 2001. Hu kien jippreżenta azzjonijiet prijoritarji, inklużi inizjattivi leġislattivi, li kellhom jitħejjew u jitwettqu b'kooperazzjoni mill-qrib mid-Direzzjonijiet Ġenerali u mis-Servizzi tal-Kummissjoni matul il-perjodu 2001-2003. It-twettiq ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni tkompla b'mod regolari fil-qafas tar-Rapport Annwali tal-Kummissjoni, previst mill-Artikolu 280 tat-Trattat KE⁶.

Għalkemm xi azzjonijiet li kellhom jitwettqu matul dan il-perjodu ma seħħewx, **il-bilanċ ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni 2001-2003** jista' jkun meqjus bħala globalment pozzittiv.

Sal-lum, il-Kummissjoni tisħaq li numru pozzittiv ta' azzjonijiet, b'mod partikolari fil-qafas ta' *l-istabbiliment ta' politika leġislattiva globali kontra l-frodi*, ġew imwettqa bis-sfiħ. Fil-qasam tal-protezzjoni tal-baġit ta' l-Unjoni, fuq il-pjan tal-prevenzjoni, titħaddem koordinazzjoni bejn is-servizzi sabiex tassigura li l-leġislazzjoni ma tippermetti l-ebda frodi. Fl-oqsma tal-protezzjoni ta' l-Euro u tal-ġlieda kontra l-piraterija u l-falsifikazzjoni tal-prodotti manifatturati, il-Kummissjoni diġà żviluppat il-qafas ġuridiku ta' azzjoni u intervent, kif ukoll kooperazzjoni internazzjonali speċifika. Sistema ta' informazzjoni rigward il-persuni involuti li m'għandhomx jiġu fdati ġiet proposta mill-Kummissjoni u adottata mil-leġislatur biex ikun hemm aktar sigurtà rigward il-proċedura ta' ksib tax-xiri pubbliku.

Saru wkoll xi sforzi minn naħa tal-Kummissjoni sabiex din tgħin lill-għaxar Stati Membri ġodda u lill-pajjiżi kandidati biex jimplimentaw *l-acquis communautaire* fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji. B'mod partikolari jissemmew l-isforzi magħmula għall-ħolqien, f'dawn il-pajjiżi, ta' struttura nazzjonali ċentrali ta' koordinazzjoni kontra l-frodi, li tathom iċ-ċans biex jiffamiljarizzaw ma' l-approċċ Komunitarju fil-qasam ta' l-istħarriġ kontra l-frodi, u anke li jikkoperaw mill-qrib mas-servizz kontra l-frodi tal-Kummissjoni.

L-iżvilupp ta' kultura ta' kooperazzjoni ġdida ma' l-amministrazzjonijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri kien parti importanti bħala konsegwenza naturali tar-responsabilità imqasma bejn il-Komunità u dawn ta' l-aħħar fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji. Il-proġett ta' pjattaforma tas-servizzi pluridixxiplinarji⁷ hu l-istrument xieraq sabiex dan l-għan jitwettaq. Hu jipproponi kooperazzjoni aktar strutturata u aktar regolari bejn dawk kollha involuti.

⁶ Rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet u l-ġlieda kontra l-frodi għall-2001 u l-2002 : id-dokumenti KOM (2002) 348 finali tat-2.7.2002 u KOM (2003) 445 finali tat-23.7.2003.

⁷ L-għan tal-Proġett hu li l-varjetà ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju tkun ippreżentata aħjar u sabiex issir proposta ta' inventarju ta' servizzi ta' esperti disponibbli fi ħdanu. Ara r-rapport ta' evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF, dok. KOM (2003) 154 finali tat- 02.04.2003, punt 1.2.1.

B'dan l-għan, inħolqot Direzzjoni « Informazzjoni »⁸ fl-Uffiċċju sabiex toħloq kapacià ta' analiżi tal-frodi u l-irregolaritajiet permezz tal-komunikati magħmula mill-Istati Membri. Unità ta' maġistrati hi wkoll miżura biex tassigura koordinazzjoni operattiva dejjem akbar mal-persuni kollha involuti fl-Istati Membri. Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji u l-għieda kontra l-frodi, stabbilit flimkien mas-servizzi speċjalizzati ta' l-Istati Membri, jagħti rendikont ta' l-azzjonijiet meħuda u tar-riżultati tagħhom. Flimkien ma' din il-kollaborazzjoni mill-qrib u regolari definita l-ewwel fl-Artikolu 280 tat-Trattat KE, il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet ġodda ta' kooperazzjoni għidizzjarja u polizjeska ta' l-Unjoni Ewropea (Eurojust u Europol) strutturaw ir-relazzjonijiet tagħhom permezz ta' l-iffirmar tal-protokoll ta' ftehim⁹.

Rigward il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-korruzzjoni bil-għan li l-interessi finanzjarji Komunitarji jiġu mħarsa, ir-regolament finanzjarju l-għdid ħoloq il-bażi neċessarja sabiex ikun hemm għestjoni finanzjarja aħjar fil-Kummissjoni. Fil-qafas tar-riforma amministrattiva, ittieħdu xi miżuri sabiex il-funzjonarji u l-aġenti tal-Kummissjoni jkunu mgħarrfa dwar il-prinċipji ta' għestjoni tajba tal-proġetti, kif ukoll dwar l-imġieba f'każ ta' suspett ta' atti kundanabbli li jistgħu jmorru kontra l-interessi tal-Komunitajiet.

Il-Kummissjoni kompliet bl-eżerċizzju ta' evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju¹⁰, preskritta fl-Artikolu 15 tar-Regolamenti Nru 1073/99 u 1074/99, u flimkien magħha jinstabu sbatax-il rakkomandazzjoni sabiex l-istruttura u l-funzjonament ta' l-OLAF jiġu msaħħa. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ikkonfermat aktar minn darba l-legalità u l-koerenza tal-qafas interistituzzjonali ta' l-istħarriġ intern li japplika b'mod ġenerali għall-istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet u organiżmi maħluqa mit-Trattati KE u Euratom¹¹.

Fl-aħħar, fil-qasam tal-*ħarsien penali ta' l-interessi finanzjarji*, għalkemm l-isforzi tal-Kummissjoni ma seħħewx kollha skond il-proposta modifikata tad-direttiva marbuta mal-ħarsien penali ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità¹², saru progressi importanti, fosthom id-dħul fis-seħħ, tant mistenni matul tmien snin, nhar is-17 ta' Ottubru 2002, ta' l-ewwel strumenti konvenzjonali għall-għieda kontra l-frodi (Konvenzjoni marbuta mal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji¹³, l-ewwel protokoll fil-Konvenzjoni « PIF »¹⁴ u protokoll marbut mal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja¹⁵).

Fl-istess ħin matul il-perjodu 2001-2003 sar pass ieħor lejn il-ħolqien ta' Ministeru Ewropew kompetenti fil-qasam tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji, l-Konvenzjoni dwar l-Unjoni Ewropea adottat din il-perspettiva fil-proġett tat-Trattat Kostituzzjonali. Matul is-sena 2002, fuq il-bażi tal-*Green Book* dwar il-ħolqien ta' ministeru Ewropew, adottat fil-11 ta' Diċembru

⁸ Ara l-punt 1.2.1 tar-rapport (cf. nota ta' qiegħ il-paġna 7).

⁹ Protokoll rigward il-komunikat ta' tagħrif (skambji operattivi, b'mod partikolari rigward każi konkreti) Ara l-punt 1.2.4. tar-rapport (cf. nota ta' qiegħ il-paġna 7).

¹⁰ Cf nota ta' qiegħ il-paġna 7.

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C-15/00 (Kummissjoni kontra BEI), id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C-11/00 (Kummissjoni kontra BĊE), id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C-167/02 (W. Rothley kontra l-Parlament Ewropew).

¹² KOM (2001) 272 tat-23.5.2001 - ĠU C 240-E tat-28.8.2001, modifikat minn KOM (2002) 577 tas-16.10.2002.

¹³ ĠU C 316 tas-27.11.95.

¹⁴ ĠU C 313 tat-23.10.96.

¹⁵ ĠU C 151 ta' l-20.5.97.

2001¹⁶, il-Kummissjoni nidiet dibattitu wiesa' mar-rappreżentanti ta' l-oqsma interessati kollha. Fl-2003, ir-rapport ta' segwitu tal-*Green Book* għamel sinteżi ta' xi 200 reazzjoni miġbura¹⁷ li ppermettew lill-Kummissjoni biex tħejji proposta għall-Konvenzjoni Ewropea u sabiex tiegħu sehem b'mod attiv fix-xogħlijiet f'dan il-qasam. Filwaqt li l-isforzi tal-Kummissjoni ma setgħux iseħħu minħabba l-konklużjoni tat-Trattat ta' Nizza, din id-darba deher, b'mod partikolari grazzi għad-dibattitu inniedi mill-Kummissjoni, li t-Trattat Kostituzzjonali jinkludi dispożizzjoni dwar il-Ministeru Ewropew (Artikolu III-175). Din id-dispożizzjoni għandha tagħti lok lill-Kunsill sabiex permezz ta' Eurojust joħloq Ministeru Ewropew għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni.

Il-pjan ta' azzjoni 2004-2005 il-ġdid hu relatat mat-tieni stadju tal-programm fil-qafas ta' l-Approċċ globali ta' l-2000 u jsegwi erba' assi importanti stabbiliti dak iż-żmien u diġà imsemmija hawn fuq. Hu jikkunsidra wkoll l-orjentazzjonijiet ġodda li joħorġu mir-Rapport ta' evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF u l-miżuri mħabbra fid-diskors tal-President tal-Kummissjoni, f'Novembru 2003¹⁸.

B'mod aktar preċiż, il-Pjan ta' azzjoni 2004-2005 hu x-xhieda tax-xogħol kontinwu tal-Kummissjoni favur il-ġlieda kontra l-frodi u jagħti waħda mir-risposti għall-isfidi l-ġodda marbuta ma' l-evoluzzjoni ta' l-Unjoni għas-snin 2004 u 2005. Dan il-Pjan jinkludi :

- l-azzjonijiet li ma setgħux jitwettqu matul il-perjodu preċedenti u dawk li kienu għad iridu jiġu definiti sabiex jiġi komplut it-twettiq ta' l-Approċċ strateġiku globali, b'mod partikolari t-tisħiħ tas-sħubija operattiva ma' l-Istati Membri;
- l-iżviluppi li saru dan l-aħħar marbuta mat-tisħiħ tal-qafas regolamentari ta' l-OLAF¹⁹, hekk kif rakkomandati mill-Kummissjoni fir-Rapport ta' evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF²⁰ u mħabbra mill-President tal-Kummissjoni fil-« Pjan ta' Azzjoni » tiegħu tat-18 ta' Novembru 2003. Il-Kummissjoni qieset il-bżonn li tittieħed azzjoni aktar ta' malajr u aktar fil-fond minn dik prevista oriġinarjament fir-Rapport ta' evalwazzjoni, sabiex issir ħidma dwar in-nuqqasijiet misjuba fl-affari Eurostat. Għalhekk xi inizjattivi se jikkonkludu r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni, u t-twettiq ta' xi wħud minnhom diġà beda;
- xi inizjattivi aktar speċifiċi sabiex jissodisfaw talbiet jew bżonnijiet partikolari, bħat-trattament tal-każi ta' irregolaritajiet imħabbra qabel l-1 ta' Jannar 1999 fil-qasam tal-FAEGG-Garanzija (*Task-Force* « Irkuprar ») jew is-simplifikazzjoni tal-proċedura tat-tħabbir ta' l-irregolaritajiet (FAEGG-Garanzija, Fondi strutturali, Fondi ta' Koeżjoni).

¹⁶ *Green Book* dwar il-ħarsien penali ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-ħolqien ta' Prokuratur Ewropew, dok. KOM (2001) 715 finali tal-11.12.2001.

¹⁷ Dokument KOM (2003) 128 finali. Ara : http://europa.eu.int/comm/anti_fraud/green_paper/index_fr.html.

¹⁸ Diskors dwar l-istat ta' l-Unjoni : Programm legiſlattiv u ta' xogħol tal-Kummissjoni għall-2004, is-Sur Prodi quddiem il-Parlament Ewropew ta' Strasbourg nhar it-18.11.2003.

¹⁹ Proposti għal modifika tar-Regolamenti Nru 1073/99 u 1074/99 adottati fl-10.02.2004, dokumenti KOM (2004) 103 finali u KOM (2004) 104 finali.

²⁰ Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-OLAF ((KOM (2003) 154 – 2002/2237(INI)) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istess rapport (dok. 16280/03 tat-22.12.2003).

Dan il-Pjan ta' azzjoni ġdid iressaq il-*policies* ewlenin u t-temi prijoritarji li ġejjin :

- it-tisħiħ tal-qafas regolamentari ta' Mejju 1999 rigward l-attivitajiet ta' l-OLAF u l-kompetenzi tiegħu (titjib taċ-ċirkolazzjoni ta' l-informazzjoni bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet Ewropej ; il-garanzija sħiħa tad-drittijiet tal-persuni konċernati minn sħarriġ, kemm intern kif ukoll estern ; it-tisħiħ ta' l-effikaċità operattiva ta' l-Uffiċċju u t-tisħiħ tar-rwol tal-Kumitat ta' sorveljanza ta' l-Uffiċċju) ;
- it-titjib ta' l-influss ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tal-modifika tar-Regolamenti dwar il-komunikazzjoni ta' l-irregolaritajiet ; l-iżvilupp ta' Fajl ta' Identifikazzjoni ta' l-Infommazzjoni dwar l-Istħarriġ Doganali (FIDE) u permezz tat-twettiq ta' regolament ġdid dwar l-ġħajnuna amministrattiva reċiproka fil-qasam tal-VAT u tal-ħasil tal-flus ta' prodotti tal-frodi Komunitarja ;
- l-iżvilupp tal-protezzjoni penali ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari bħala segwitu tal-Konferenza Intergovernattiva (KIG) sabiex tiġi prevista l-bażi ġuridika li tippermetti l-ħolqien ta' Ministeru Ewropew, kompetenti ġħall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, fit-Trattat Kostituzzjonali.

Dan il-pjan ta' azzjoni 2004-2005, li jipperfezzjona t-twettiq ta' l-Approċċ Strateġiku Globali kontra fl-Frodi ta' Ġunju 2000, se jħloq il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni l-ġdida biex tnedi forza favur il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-ġlieda kontra l-frodi.

GĦANIJIET Azzjoni	ORGANU RESPONSABB LI ²¹	2004		2005		22 Obs:
		L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	
1. POLITIKA LEĠSLATTIVA GLOBALI KONTRA L-FRODI						
1.1. L-IŻVILUPP TA' KULTURA TA' PREVENZJONI U T-TISĦIĦ TAT-TESTI						
Il-konsolidazzjoni ta' l-istruttura u tal-funzjonijiet ta' l-OLAF permezz tat-tisħiħ tal-qafas legali tiegħu	OLAF, SG	Proposti ta' modifika tar-Regolamenti 1073 u 1074/1999 ²³				II
Kooperazzjoni bejn il-livell komunitarju u l-Istati Membri fil-qasam tal-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej Tkabbir tas-sistema ta' kooperazzjoni, ta' l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għajnuna għal oqsma ġodda, b'mod partikolari fejn jidħol ħasil tal-flus u evażjoni tal-VAT	OLAF, TAXUD, MARKT, JAI		Proposta ta' Regolament fuq il-bażi ta' l-Artikolu 280 tat-Trattat KE, fil-qasam ta' l-assistenza amministrattiva reċiproka, b'mod partikolari dwar ħasil tal-flus u frodi tal-VAT			I R. 3
Evalwazzjoni tar-Regolamenti Nru 1469/1995 u Nru 745/1996 ²⁴ (lista suspettuża fil-qasam FAEGG-Garanzija)	OLAF, AGRI, SJ		It-tieni rapport dwar is-sistema tal-lista suspettuża » fil-qasam FEAGG-Garanzija	Proposta ta' modifika tar-Regolament konċernati. Eżaminazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni		I
Definizzjoni ta' l-għanijiet ta' l-OLAF, bil-kunsiderazzjoni ta' l-orjentazzjonijiet strateġiċi u tal-kontribuzzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet fil-qasam ta' l-azzjoni kontra l-frodi	OLAF		Thejjiġa ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-punti prinċipali ta' l-orjentazzjoni strateġika kontra l-frodi			II R. 11
Twettiq definittiv ta' Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (CTSE) biex idaħħal fis-seħħ id-Deċiżjonijiet Nru 2003/861 u 862/KE tal-Kunsill ²⁵	OLAF, ECFIN		Deċiżjoni tal-Kummissjoni			III

²¹ Organu responsabbli, segwit mis-servizzi marbuta.

²² Iċ-ċifri li qabilhom tidher l-ittra « R » jirreferu għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni Artikolu 15. Iċ-ċifri b'ittri mxenglin jirreferu għall-kategoriji li ġejjin :

- I - Azzjonijiet meħuda mis-snin ta' qabel u azzjonijiet li saru b'mod ripetut ;
- II - Azzjonijiet ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport Art. 15 u tal-« Pjan ta' Azzjoni Prodi » ;
- III - Inizjattivi speċifiċi.

²³ KOM (2004) 103 u 104 finali ta' l-10.02.2004.

²⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1469/95 tat-22.06.95 – *ĠU Nru L 145 tad-29/06/95* u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 745/96 – *ĠU Nru L 102 tal-25/04/96*.

²⁵ Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tat- 08.12.2003 Nru 2003/862/KE u *Nru 2003/862/KE - ĠU Nru L 325 tat-12/12/2003*.

GĦANIJIET Azzjoni	ORGANU RESPONSABBLI	2004		2005		Obs. :
		L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	
1. POLITIKA LEĠISLATTIVA GLOBALI KONTRA L-FRODI						
1.1. L-IŻVILUPP TA' KULTURA TA' PREVENZJONI U T-TISĦIĦ TAT-TESTI						
Tkomplija u adattament tal-programm ta' azzjoni fil-qasam ta' l-iskambji, l-għajnuna u l-formazzjoni għall-ħarsien ta' l-Euro kontra l-flus foloz (programm « PERICLES » ²⁶)	OLAF		Evalwazzjoni tal-programm « PERICLES » fid-dawl tal-proposta leġislattiva l-ġdida	Komunikazzjoni dwar l-adattazzjoni tal-programm Pericles. Proposta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill		III
1.2. IT-TISĦIĦ TAL-MEZZI TA' SEJBIEN, TA' KONTROLL U TA' SANZJONIJIET						
Kjarifika tal-poteri ta' stħarriġ kontra l-frodi fuq livell Komunitarju, b'mod partikolari fil-qasam ta' l-ispejjeż diretti	OLAF, SG	Proposti ta' modifika ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolamenti 1073 u 1074/1999				II R. 3
Estensjoni tas-sistema tas-sanzjonijiet amministrattivi, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin : - dwana - fondi strutturali - spejjeż diretti	TAXUD, SJ, REGIO, EMPL, AGRI, FISH, OLAF		Eżami preliminari fid-dawl ta' l-inklużjoni tas-sanzjonijiet fir-Regolament konċernat			II R. 12
- stħarriġ OLAF (oppożizzjoni għall-funzjonijiet)	OLAF, BUDG, SJ	Proposti ta' modifika ta' l-Artikolu 6(6), tar-Regolamenti 1073 u 1074/1999			Eżami ta' l-opportunità ta' regolament speċifiku marbut mal-frodi u l-irregolaritajiet marbuta ma' kuntratt li jikkonċerna finanzjament Komunitarju	I II R. 4
Orjentazzjonijiet tekniċi għall-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri li jixtiequ jħaddmu jew isegwu l-proċess ta' awtentifikazzjoni tal-muniti Euro fuq it-territorju tagħhom	OLAF		Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-metodi li għandhom jiġu applikati fl-awtentifikazzjoni tal-muniti Euro			III

²⁶

Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tas- 17.12.2001Nru 2001/923/KE u Nru 2001/924/KE – ĠU Nru L 339 tal-21/12/2001.

GĦANIJIET Azzjoni	ORGANU RESPONSABB LI	2004		2005		Obs. :
		L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	
1. POLITIKA LEĠSLATTIVA GLOBALI KONTRA L-FRODI						
1.3. ĠESTJONI AKTAR EFFIKAĊI TAS-SEGWITU AMMINISTRATTIV U FINANZJARJU						
Titjib fis-sejbien ta' l-ammonti imħallsa mhux kif suppost (FAEGG/Garanzija, Regolament Nru 1258/1999 ²⁷)	AGRI, OLAF		Proposta ta' modifika tar-Regolament Nru 1258/1999 dwar il-finanzjament tal-PAC			III
Trattament ta' l-arretrati fil-każ ta' irregolaritajiet li kienu magħrufa qabel l-1.1.1999 b'applikazzjoni tar-Regolament Nru 595/1991 ²⁸ (FAEGG/Garanzija). <i>Task Force</i> Irkuprai ²⁹	OLAF, AGRI				Tlestija tax-xogħlijiet	I
2. KULTURA TA' KOOPERAZZJONI ĠDIDA						
2.1. IT-TISĦIĦ TA' L-UŻU U L-ANALIŻI TA' L-INFORMAZZJONI (« TAGĦRIF »)						
Żvilupp tal-kooperazzjoni operattiva bejn l-amministrazzjonijiet doganali. Tħaddim ta' FIDE (Fajl ta' informazzjoni dwar l-istħarriġ doganali)	OLAF, TAXUD, JAI		Proposta ta' modifika tar-Regolament Nru 515/97 ³⁰		Koordinazzjoni msaħħa għall-appoġġ u t-tħaddim ta' l-operazzjonijiet konġunti	II R. 14 III
Semplifikazzjoni tal-proċedura ta' komunikazzjoni ta' l-irregolaritajiet skond ir-Regolament (KE) Nru 1681/94 ³¹ , marbut mal-Fondi Strutturali	OLAF, DG li jordnaw Fondi strutturali		Proposta ta' modifika tar-Regolament Nru 1681/1994			III
Semplifikazzjoni tal-proċedura ta' komunikazzjoni ta' l-irregolaritajiet skond ir-Regolament (KE) Nru 1831/94 ³² , marbut mal-Fondi ta' Koeżjoni	OLAF, REGIO		Proposta ta' modifika tar-Regolament Nru 1831/1994			III
Semplifikazzjoni tal-proċedura ta' komunikazzjoni ta' l-irregolaritajiet skond ir-Regolament (KE) Nru 595/91, marbut man-nefġiet ta' FAEGG/Garanzija	OLAF, AGRI		Proposta ta' modifika tar-Regolament Nru 595/1991			III

²⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17.05.99 – ĠU Nru L 160 tas-26/06/99.

²⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 595/91, ta' 1-04.03.91 – ĠU Nru L 067 ta' 1-14/03/91.

²⁹ 2002) 671 final tat-03.12.2002.

³⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13.03.97 – ĠU Nru L 082 tat-22/03/97.

³¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1681/94 tal-11.07.94 – ĠU Nru L 178 tat-12/07/94.

³² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/94 tas-26.07.94 – ĠU Nru L 191 tas-27/07/94.

GĦANIJIET Azzjoni	ORGANU RESPONSABBL I	2004		2005		Obs.:
		L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	
2. KULTURA TA' KOOPERAZZJONI ĠDIDA						
2.2. L-IŻVILUPP TA' SĦUBIJA MSAĦĦA MA' L-ISTATI MEMBRI U MAL-PAJJIŻI TERZI						
Intensifikazzjoni tar-relazzjonijiet ma' l-Istati Membri	OLAF, SG, SJ		Attwalizzazzjoni tad-Deċiżjoni 94/140/KE ³³ tal-Kummissjoni li toħloq il-COCOLAF			I R. 14, 6
Tagħrif aħjar mill-Istati Membri fuq livell Komunitarju dwar is-segwitu ta' l-istħarriġ magħmul mill-OLAF	OLAF, SG	Proposti ta' modifiki ta' l-Artikoli 9(3) tar-Regolamenti Nru 1073 u 1074/1999				II R. 6
Użu aħjar tal-possibilità ta' sinerġija u ta' valorizzazzjoni ta' l-istrutturi ta' kooperazzjoni	OLAF		Inventarju tas-servizzi li l-Kummissjoni/OLAF tista' toffri lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri	Twettiq tal-Pjattaforma ta' servizzi pluridixiplinari		II R. 14
Għajjnuna lill-Istati Membri l-ġodda biex isaħħu l-kapaċità tagħhom fil-ġlieda kontra l-frodi	OLAF, ELARG	Tħaddim tal-fondi li ġejjin mill-Faċilità ta' transizzjoni (2004-2006) għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u għall-ġlieda kontra l-frodi				III
Tisħiħ tas-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi fil-pajjiżi kandidati	OLAF, ELARG	Għajjnuna kontinwa lill-Bulgarija u lir-Rumanija fil-qafas tal-Programm kontra l-frodi PHARE li jinvolvi diversi pajjiżi, għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Għajjnuna lill-koordinazzjoni kontra l-frodi fil-pajjiżi kandidati ġodda Uffiċjali ta' assistenza reġjonali OLAF mibgħuta f'diversi pajjiżi kandidati				III
Memoranda ta' ftehim mal-pajjiżi kandidati u mal-pajjiż terzi	OLAF	Għeluq ta' ftehim amministrattiv mas-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi (AFCOS) tal-pajjiżi kandidati, u, jekk ikun il-każ, mas-servizzi kompetenti tal-pajjiżi terzi				II R. 10
Negożjati magħmula ma' l-Isvizzera dwar il-ġlieda kontra l-frodi	OLAF, RELEX	Għeluq tan-negożjati				I
Kooperazzjoni amministrattiva u għajjnuna reċiproka fost il-pajjiżi terzi fil-qasam tad-dwana	OLAF, TAXUD, RELEX	Negożjati ta' ftehim internazzjonali ta' għajjnuna amministrattiva fil-qasam tad-dwana				II R. 10
Analiżi, kooperazzjoni u skambju ta' tagħrif fil-qasam ta' l-Euro mal-pajjiżi terzi	OLAF, ECFIN	Twettiq tad-dispożizzjonijiet kontra l-għamil tal-flus foloz fil-ftehim ta' kooperazzjoni u assoċjazzjoni, skond l-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 1338/2001 ³⁴				I II R. 10

³³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/140/KE tat-23.02.94 – ĠU Nru L 061 ta' l-4/03/94.

³⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28.06.2001 – ĠU Nru L 181 ta' l-04/07/2001.

GĦANIJIET Azzjoni	ORGANU RESPONSABBL I	2004		2005		Obs.:
		L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	
2. KULTURA TA' KOOPERAZZJONI ĠDIDA						
2.3. POLITIKA TA' EVALWAZZJONI PERMANENTI TA' L-AZZJONIJIET KONTRA L-FRODI						
Inventarju ta' miżuri ġodda fuq livell Komunitarju u fuq livell ta' l-Istati Membri fl- 2003 u 2004	OLAF	Rapport annwali Artikolu 280(5) tat-Trattat KE ta' l-2003		Rapport annwali Artikolu 280(5) tat-Trattat KE ta' l-2003		I
3. PROĊESS INTERISTITUZZJONALI GĦALL-PREVENZJONI U L-ĠLIEDA KONTRA L-KORRUZZJONI						
3.1. IL-VALUR TA' KULTURA TA' KOOPERAZZJONI FUQ IL-LIVELLI KOLLHA						
Definizzjoni eventwali tal-modalitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni bejn l-OLAF u s-servizzi l-oħra tal-Kummissjoni	OLAF, SG, servizzi oħra		Eżami ta' l-opportunità li jiġi adottat memorandum ta' ftehim (jew tip ta' test ieħor)			II R. 7
L-istħarriġ intern iffaċilitat fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet l-oħra	OLAF, SG, SJ		Eżami ta' l-opportunità li jiġu proposti protokollu /memoranda ta' ftehim ma' l-istituzzjonijiet l-oħra			II R. 9
Definizzjoni eventwali tal-modalitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni bejn l- OLAF u l-IDOC	OLAF, IDOC, ADMIN		Opportunità sabiex il-memorandum miftiehem fl-2003 jiġi rivedut, fid-dawl ta' l-iżviluppi li saru dan l-aħħar ³⁵			II R. 8
Titjib tat-trasparenza ta' l-influss ta' informazzjoni bejn l-OLAF u d-DG l-oħrajn bil-għan li jkun hemm segwitu xieraq	SG, IDOC, ADMIN, IAS, (OLAF)	Ħolqien ta' grupp interservizzi ta' livell għoli				II R. 8
3.2. IT-TITJIEB TAL-QAFAS ĠURIDIKU TA' L-ISTĦARRIĠ AMMINISTRATTIV						
Kjarifika tal-modalitajiet ta' twettiq ta' l-atti u l-miżuri ta' l-istħarriġ intern/estern permezz ta' regoli preċiżi	SG, OLAF	Proposti ta' modifika ta' l-Artikoli 6 (7), 7 bis u 7 ter tar-Regolamenti Nru 1073 u 1074/1999				II R. 2
Rispett u applikazzjoni standardizzata tal-proċeduri ta' informazzjoni fir-rigward ta' l-istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet u servizzi konċernati u ta' persuni involuti	SG, OLAF	Proposti ta' modifika ta' l-Artikoli 6(5) bis, 7 bis u 7 ter tar-Regolamenti Nru 1073 u 1074/1999				II R. 16

³⁵ B'mod partikolari, l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2004/1588 final/4 tat-28.04.2004.

GĦANIJET Azzjoni	ORGANU RESPONSABBLI	2004		2005		Obs.:
		L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	L-EWWEL SEMESTRU	IT-TIENI SEMESTRU	
4. IT-TISHIH TAD-DIMENSJONI ĠUDIZZJARJA PENALI						
It-tisħiħ ta' l-effikaċità ta' l-akkużi penali permezz tal-ħolqien ta' Prokuratur Ewropew	OLAF, JAI			Tħejjija ta' <i>White Book</i>		II R. 13
Is-segwitu ta' l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji u l-protokoll addizzjonali tagħha	OLAF, JAI, SJ		Rapport dwar it-tweġġ tal-Konvenzjoni għall-Istati Membri			II R. 6
Titjib tar-relazzjonijiet strutturati ma' l-Europol.	OLAF, Europol	Għeluq ta' protokoll				I
Żvilupp tad-dimensjoni ġudizzjarja u tal-funzjoni ta' interlokutur ta' l-awtoritajiet polizjeski u ġudizzjarji	OLAF			Stabiliment, flimkien ma' l-Istati Membri, ta' Gwida dwar il-prattika għall-kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-akkuża penali		I R. 14, 6